MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2008

Numru 314/2008

IL-PULIZIJA
SPETTUR T. SCIBERRAS
VS
ADAM ISSA MOHAMMED ESLIMANI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Adam Issa Mohammed Eslimani, ta’ 32 sena, imwieled Gunju 1976, Sudan, iben Issa u Miriam xebba.

U akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fit-12 ta’ April 2008, f’xi hin bejn is-sitta ta’ filghaxija u l-hdax ta’ filghaxija gewwa l-Qawra San Pawl il-Bahar ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe PS 935 P. Cassar, PS 214 L. Bonello, PC 210 S. Lagrasta, PC 409 u PC 869 waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqhom

kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur ta' Artikolu 95 ta' Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U akkuzat ukoll talli; fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb kontra cioe PS 935 P. Cassar, PS 214 L. Bonello, PC 210 S. Lagrasta, PC 409 u PC 869 u cioe persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, u dan bi ksur ta' Artikolu 96 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
U aktar talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi meta kien fil-pubbliku, qal xi kliem oxen jew indicenti li kien ukoll jikkonsisti f'dagha u dan bi ksur ta' Artikolu 338(bb) u 342 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U akkuzat ukoll talli; fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku u cioe PC 935 P. Cassar, PS 214 L. Bonello, PC 210 S. Lagrasta, PC 409 u PC 869, jew ma hallix jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor, u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli; fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta' Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U akkuzat ukoll talli fl-istess jum, hin, lok, u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq Muamer Ali Mohammed Laweg hekk kif kien iccertifikat minn Dr. J. P. Zahra ta' Mater Dei.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghat l-ammisjoni ta’ l-imputat;

Semghat il-konferma ta’ tali ammissjoni wara li l-Qorti tat l-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi fuq l-istess amissjoni tieghu il-Qorti issib l-imputat, Adam Issa Mohammed Eslimani hati ta’ l-ewwel akkuza b’assorbiment tat-tieni akkuza, hati tat-tielet, ir-raba’, il-hames u s-sitt akkuza u wara li rat Artikolu 95, 338(bb),(ee) u (dd), 342, 221 Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn u dana in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------